# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 11 ta' Novembru, 2015

**Talba Nru:** 648/15 DMA

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**Vs**

**Stephen Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Awissu, 2015 fejn l-awtorita' attrici talbet illi l-intimat huwa debitur tal-Awtorita' rikorrent fis-somma ta' tmien mija u tnejn u tmenin ewro (€882) dovuti skont l-istatement of account datat it-tlettax ta' Ottubru, 2014 kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala 'Dok B'. Dan l-ammont jirrapprezenta hlasijiet dovuti ghal-servizzi ta' enforcement officers provduti mill-Awtorita' fuq talba tal-intimat stess.

Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi ghal hlas ta' dan l-ammont inkluz permezz ta' ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, Ligijiet ta'

Malta, bin-numru 2268/14, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala 'Dok A'. Madanakollu, l-intimat ma giex notifikat, bl-istess itra wara diversi tentattivi. Il-hlas baqa' ma sarx u ghadu dovut.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex,

1. Jiddecidi u jiddikjara lill-intimat bhala debitur tal-Awtorita' rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' tmien mija u tnejn u tmenin ewro (€882), jew somma verjuri li tista' tigi deciza;
2. Jordna lill-intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti l-ammont imsemmi ta' tmien mija u tnejn u tmenin ewro (€882) jew somma verjuri.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mis-socjeta' rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, inkluz fir-rigward tal-ittra ufficjali surreferita, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-4 ta' Novembru, 2015 u qas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2015 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tmien mija u tnejn u tmenin ewro (€882) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta sad-data tal-pagamenti effettiv tal-istess ammont.

L-ispejjez, gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mis-socjeta' rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**